MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2009

Numru 772/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Anne Marie Micallef)**

**Versus**

**Park Chanwoo.**

Il-Qorti

1. Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Park Chanwoo, ta' 31 sena, iben Chung Hak u Sook Hyun Lee, imwieled ġewwa Busan fis-South Korea fit-12 t'Ottubru 1976, temporanjament residenti f'Kingsgate Apartments Flat numru 4A, Triq il-Ħriereb Imsida, u li għandu l-Passaport bin-numru JR 3697354

2. Akkużat talli fil-lejl tad-19 t'Awwissu 2008, ġewwa l-fond Kingsgate Apartments, sitwat fi Triq il-Ħriereb Imsida, bil-ħsieb li jikkommetti omiċidju jew li jikkawża feriti ta' natura

gravi fuq il-persuna ta’ Hyong Sun Eo, wera dan il-ħsieb b’atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, fejn l-omiċidju ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta’ Park Chanwoo u dan ai termini tal-artikoli 41, 211, 212, 214, 216 u 218 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.

3. Il-Qorti ntalbet ukoll sabiex tapplika l-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta f’każ ta’ sejbien ta’ ħtija. [1]

4. Rat l-atti kollha tal-proċess inklużi l-fedina penali tal-imputat (fol 181), il-passaport ippreżentat mill-Ispettur Anna Marie Micallef (fol 6), l-ordni sabiex dak kollu li jsir fil-lingwa Ingliża jinqaleb għall-Malti (fol 9), il-ħatriet tal-interpetu sabiex l-imputat ikun jista’ jifhem kollox, il-proces verbal redatt mill-Maġistrat Dr Edwina Grima (fol 51), il-konferma tal-ħatriet tal-esperti li nħatru fl-inkjesta msemmija (fol 43), in-Nota tal-Avukat Ġenerali tal-25 ta’ Settembru 2008 li biha talab li jkunu sanati l-atti u dan minħabba l-użu tal-lingwa Maltija (fol 65 et), il-verbal tas-26 ta’ Settembru 2008 li juri li l-atti kienu sanati skond kif talab l-Avukat Ġenerali (fol 71), id-dokument MS a fol 143, iċ-ċertifikat CB a fol 146, id-dokument cc a fol 149, id-discharge letter a fol 156, id-dokument RS a fol 160, id-dokument BC jew il-current incidentg report a fol 165, id-dokument MC a fol 174 (stħarriġ dwar qalziet tal-jeans, ċarruta mxarrba elevate minn ġos-sink tal-kamra tal-banju, blood swab elevate minn ġol-ħajt ġewwa l-fond ħdejn il-bieb tal-gallarija, blood swab elevate minn mal-art ġewwa l-fond ħdejn il-bieb tal-kamra tas-sodda) u r-risposta tal-imputat li huwa ried li l-proċeduri jkomplu jinstemgħu minn din il-Qorti (fol.207)

5. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

6. Semgħet it-trattazzjoni mill-abbli Prosekutur u mill-abbli difensur.

Ikkonsidrat

[1] Fol 46.

7. L-allegat vittma Eo Sun Hyong xehed li fid-18 t'Awwissu 2008 filgħaxija kien hemm welcome party ġewwa Paceville. Il-vittma beda jiżfen u xorob ħafna alkoħol. L-għada, meta seħħ l-inċident, huwa kien mar il-laundry u reġa' xorob. L-imputat ma jiħux gost jarah xurban u filfatt kien irrabjat. X'ġara wara ma kienx jiftakar. Park Chanwoo kien diġa' widdbu għaliex hu (Eo Sun Hyong) kien ikun fis-sakra. L-imputat kien iwiddeb lix-xhud bħal ħuh minħabba li x-xhud kien jixrob. Ix-xhud qal li l-imputat kien jieħu ħsiebu qisu ħuh. [2]

8. Fil-kontro-eżami x-xhud qal li hu kien qed jistudja l-Ingliż fl-istess skola (ESE) fejn kien qed jistudja l-imputat. Lejliet l-inċident ix-xhud kien qed jixrob birra u vodka fil-Havana Bar (fol 89). Wara l-11 ta' bil-lejl mar f' bar ieħor 'Il-Plush' fejn żifen biss u wara mar in-Native Bar fejn kien żifen u xorob. Ix-xhud qal li hu ma kienx jixrob spiss imma darba jibda jixrob, jixrob ħafna. Darba waħda sid il-kera kien irrabja għax-xhud għax ix-xhud kellu ħafna alkoħol id-dar.(Fol 87). Wara xi żmien huwa mar joqgħod mal-imputat.

9. Lee Jooyong (fol 90) xehdet li meta marret fil-flat ta' Park Chanwoo fid-91 t'Awwissu 2008 sabet lill-vittma fl-art waqt li l-imputatu u persuna oħra kienu fil-gallarija. Hija ma rat lil ħadd jagħti daqqiet lil Eo. Hi ħadet ħsieb Eo. Meta kien ikun xurban, dejjem kien hemm problemi. Lil Eo ma kenitx tafu qabel ġiet Malta. Hija semgħet minn ħabiba tagħha 'Cindy' li Eo kien xurban ħafna u li kien qed iħallas ħafna drinks. Meta Eo kien ikun taħt l-influwenza tax-xorb kien jaqbad roll tat-tissues u jagħti lix-xhud fuq rasha.

10. Xehed ukoll Han Jinhee li qal li fid-19 t'Awwissu l-imputat kien talbu jmur miegħu. Fl-appartament tal-imputat kien hemm Eo mal-art. L-imputat ma kienx spjega lix-xhud x'kien ġara. Ix-xhud qal ukoll li fl-aħħar xahrejn Eo kien fis-sakra għal xahar. (fol 100). Kien hemm demm ħdejn Eo iżda ma kienx għadu ħiereġ aktar.

[2] Ara verżjoni bil-Malti fol 81

Ma ħassewx li l-kundizzjoni ta' Eo kienet tant serja li kellhom isejħu l-ambulanza. It-tbenġila ma kenitx daqashekk serja. Hija wkoll parti mill-kultura tagħhom li l-ewwel inaddfu. Safejn kien jaf ix-xhud l-imputat u Eo ma kellhomx xi jgħidu qabel. Darba minnhom Park Chanwoo kien ilminta li huwa kien ikbar minnhom u ma setax jieħu ħsiebhom. Ix-xhud ma kienx preżenti waqt it-tilwima bejn l-imputat u l-allegat vittma.

11. L-ispettur Anna Marie Micallef xehdet li kienet intalbet assistenza medika minħabba li l-ġrieħi ma kinux jaqblu ma' dak li qalulhom fuq il-post. L-imputat kien qal li Eo ipprova jaqbeż mill-gallarija. Eo intbagħat l-isptar u f'dak il-ħin kien iċċertifikat li kien fil-periklu tal-mewt. Żewġ xhieda li kienu fil-bar ta' faċċata qalu lis-surġent li kienu raw lill-imputat isawwat lil E obis-saħħa. Ix-xhud qalet li hija kienet infurmata li bħala kultura ż-żgħar riedu jagħmlu xogħol għall-kbar. Huma kienu naddfu l-post mimnħabba li kien hemm riħa ta' demm u beżgħu li ser ikolhom xi jgħid ma' sid il-post. Hija kienet kellmet ukoll lill-vittma li qal li ma kien jiftakar xejn għaliex kien fis-sakra. Il-vittma kien qal ukoll li ma kellux problemi mal-imputat.

12. Sid il-kera kien qal li kellu xi jgħid ma' Eo u kien ħallieh joqgħod waħdu għax ħadd ma ried joqgħod miegħu.

13. L-imputat innega li kien sawwat lil Eo u żied jgħid li meta Eo ġie lura mil-laundry kien xurban u pprova jaqbeż mill-gallerija. L-imputat kien ipprova jwaqqfu. Huwa tah daqqtejn ġo wiċċu biex jipprova jġibu lura sensih iżda kien kollu għalxejn. Kien ġibed lil Eo lura u waqgħu t-tnejn fl-art. Eo ma kienx intilef minn sensih – kien xurban biss. L-imputat stqarr li ma kellu ebda intenzjoni li joqtol jew jagħmel ġrieħi lil Eo.

14. Laura Kristiensen xehdet li hi setgħet tara l-gallarija. Ratg raġel bilwieqfa fil-gallerija u b'idejh iserrħu mal-gallerija. Waqa' l-kwiet u deher raġel ieħor fil-gallarija li ta daqqtejn ta' ħarta lill-vittma qisu biex joħloq xi tip ta' reazzjoni mill-vittma. Id-daqqiet kienu bis-saħħa f'wiċċ il-vittma. Ix-xhud ma setgħetx tgħid id-daqqiet jekk kinux bil-ponn jew le. Il-vittma waqa' b'idejh fl-arja. Imbagħad

segwew daqqiet ta’ sieq u rifis fuq il-vittma bis-saħħa. (Fol 109). Xi nies bdew jgħajtu ‘X’inhu jiġri?’ iżda min kien qed jagħti d-daqqiet ma tax każ. Imbagħad kien hemm aktar nies fil-gallarija għaddejin fuq il-vittma u jpejpu qisu ma ġara xejn. Din ix-xhud għarfet lill-imputat bħala l-persuna li beda jagħti bis-sieq lill-persuna l-oħra. L-imputat kien uża kemm idejh kif ukoll saqajh. Ix-xhud ma kenitx bogħod mill-vittma. Huwa u nieżel mal-art il-vittma kien diġa’ jidher li kien mitluf minn sensih. Meta waqa’ fl-art ma reġax qam.

15. Xehed ukoll Patrick Alexander Butterworth li qal li fid-19 t’Awwissu 2008 huwa kien fil-Kingsgate Arms’ pub. (Fol 115) Huwa kien sema xi daqqiet ta’ ħarta u ra żewġ ġuvintur fil-gallarija. Ġuvni minnhom kien qed jagħti daqqiet ta’ ħarta lill-ieħor. Dan ma kienx qed jirritalja u kien jidher qisu disorjentat jew xurban. Il-vittma waqa’ u kien jidher li qed ikun mirfus bis-saħħa mill-ġuvni l-ieħor. Dan ix-xhud għaraf lill-imputat bħala l-persuna li kienet qed tagħti d-daqqiet. (Fol 116).

16. Xehdet Sinyoung Kang li kienet taf lil Eo għal xi erba’ xhur fl-ESC School. Huwa bniedem kwiet iżda meta jixrob jitlef il-kontroll. Huwa jixrob darba jew darbtejn fil-ġimgħa iżda ġaladarba jibda jibqa’ sejjer għal xi erba’ jew ħamest ijiem. Fit-t18 t’Awwissu kienet ratu u kien xurban għax kien diġa’ ħa xi tjejn jew tlieta birra. Fil-Havana ma kienx xurban għal kollox, anzi kien sobrju. Fil-Bar Native kien xurban għal kollox. Huwa kien qed jixrob fil-pubs kollha. Ma bediex jimxi dritt u beda jittanta lit-tfajliet. Meta ratu daqshekk xurban, kienet telqet lejn id-dar. Ħafna drabi kellu xi jgħid ma sis il-kera. Ħafna drabi jfalli l-iskola għax ikun xurban iżżejjed.

17. Xehed Dr Mario Scerri li eżamina lill-vittma fl-ITU. Kien fi Glasgow Coma Scale 11/15 li jfisser li l-vittma ma kienx orjentat. Kien blood alcohol level għoli għax kien ta’ 334 mg. Kellu periorbital haematoma bi tbenġil u nefħa madwar għajnejh it-tnejn. Kellu abrażjoni fuq il-kappell tal-għajn il-leminija u fuq in-naħa tal-lemin tal-wiċċ. Kellu diversi tbenġil fuq l-aspett laterali tal-minkeb tal-lemin. Kien hemm diversi tbenġil fuq id-dorsal aspect ta’ idu x-

xellugija. Kellu haemorrhages u contusions fil-brain. Kellu fracture fin-nasal bone. Imbagħad ġie għall-aħjar u kien liċenzjat mill-Mater Dei. L-offiżi li kellu kienu kompatabbli ma' swat u daqqiet aktar milli ma' waqgħa mal-art. B'dak il-livell ta' alkoħol ma tibqax tikkoordina u taħseb bħal bniedem normali.

18. Dr Conrad Borg ikkonferma li huwa kien ra lil Eo Hyong Sun fl-10.20 pm. Il-vittma kellu emoroġija, tbenġila f'moħħu u nefħa madwar għajnejh.

19. PS 46 Charlo Casha u PS 826 Matthew Parnis ikkonfermaw ir-rapport tagħhom. Huma kienu elevaw diversi affarijiet kif jidher fil-paġina 3 tar-rapport tagħhom. Dawn ikkonsenjawhom lis-seroloġista. Ħadu wkoll 17-il ritratt.

20. Dr John Schembri xehed li kien hu lit a d-dsicharge letter lill-vittma. Meta l-vittma daħal fl-isptar kien aġitat u kellu l-livell tal-konoxxenza tiegħu qed jilgħab. Daħal fl-ITU. Kellu nefħa kbira u tbenġil madwar għajnejh. Kellu evidenza ta' emoroġija minn imnieħru u mill-kantunieri ta' għajnejh. Fil-21 t'Awwissu il-vittma kien diġa' f'sensih.

21. Dr Richard Sladden ikkonferma x-xhieda meħuda matul l-inkjesta.

22. Xehed ukoll PS 240 Brian Camilleri li qal li kien mar fuq il-post u sab l-istaff tal-ambulanza. Dawn infurmawh li x'ħin waslu kienu sabu persuna mitlufa minn sensiha u kien qed isofri minn ġrieħi ta' natura gravi. L-imputat kien qallu li l-vittma pprova jaqbeż mill-gallarija. Għalhekk kein ipprova jżommu u waqa' lura. Żewġ persuni oħra kienu preżenti fil-post iżda dawn kienu qegħdin hemm biex jgħinu lil Park Chanwoo inaddaf. Persuni oħra infurmaw lix-xhud li l-aggressur deher jagħti bis-sieq lill-vittma. Id-deskrizzjoni li taw kienet taqbel ma' dik tal-imputat.

23. Xehdet Dr Maria Cassar, is-seroloġista. Din qalet li mill-jeans ħareġ riżultat pożittiv tad-demm. L-istess għamlu l-esbiti l-oħar. (Ara fol 171). Mill-jeans ħareġ DNA li kien jaqbel ma' dak tal-ħajt.

24. Xehed ukoll Joseph Spiteri, rappreżentatn tal-ESE. Meta mar fuq il-post fid-19 t'Awwissu 2008 huwa sab lill-vittma mal-art bejn żewġ sodod u bi black eyes. Dehru qisu mejjet għax bil-kemm kien qed jeiħu nifs. (Fol 192) Huma kienu ċemplu mill-ewwel għall-ambulanza. Il-vitma kellu riħa ta' alkoħol fuqu. L-imputat u l-vittma huma studenti fl-iskola tax-xhud. Il-vittma kellu tliet warnings u kienu qed jieħdu paċenzja bih. Jitlef l-iskola u dejjem fis-sakra. Studenti oħra ma jridux joqogħdu miegħu. L-imputat qatt ma qala' nkwiet.

25. Xhud ieħor tal-Prosekuzzjoni kien Manuel Stivala li huwa sid l-appartamenti. Kienu ċemplulu u infurmawh li kien hemm ġlieda. Kien niżel fuq il-post u sab lill-vittma mal-art. Il-vittma kien ikun xurban ħafna drabi. Sa filgħodu stess kien aħdlu kaxxa tal-ilma, mhux biex jisraqha iżda tant kellu xorb fuqu. Il-vittma kien mar mal-imputat wara li s-sid kellu overbookings. L-imputat ma kienx ried lil Eo għax kien jaf li dan trouble maker.

26. Il-Prosekuzzjoni għalqet il-provi tagħha fid-9 ta' Jannar 2009.

**Xhieda Difiża**

27. Xehed l-imputat Park Chanwoo li qal li kien ġie Malta sabiex jistudja l-Ingliż. Huwa kien joqgħod fil-Kingsgate Apartments l-Imsida. Lil Eo kien sar jafu għaleix kienu jmorru l-istess skola kif ukoll għaliex kienu fl-istess appartament. Normalemnet Eo kien bniedem kwiet iżda meta kien jixrob kien isir vjolenti mal-imputat u ma' studenti oħra. Meta kien jixrob kien jinki lil studenti oħra u kien iħobb imiss lin-nisa iżda mhux f'livell ta' sexual harassment. Dak in-nhar meta qam l-imputat ra li l-mejda tal-living room kienet mimlija fliexken tal-birra. Imbagħad mar l-iskola waqt li Eo baqa'd-dar għax kien għadu xurban. Filgħaxija l-vittma kien għadu xurban. Eo kien ilu jixrob mill-erbgħa ta' filgħodu tla-jum ta' qabel.

28. Eo mar ħdejn il-gallerija jpejjep u qal lill-imputat li kien ser jaqbeż mill-gallerija. (Fol 214). L-imputat ipprova jżommu iżda l-vittma ma riedx jisma' u allura l-imputat tah daqqtejn ġo wiċċu biex iġibu f'sensi. Ipprova jżommu ġewwa u imbagħad waqgħu t-tnejn f'daqqa. Eo beda jsabbat il-ġenb ta' wiċċu mal-art. L-imputat tah daqqa ta' sieq biex jieqaf. L-imputat talab l-għajnuna ta' sħabu meta ra d-demm fl-art. Dawn ippruvaw jikkalmaw lill-imputat u bdew inaddfu l-art. Hija tradizzjoni fil-Korea li meta tara l-ħmieġ tnaddfu. L-intenzjoni tal-imputat kienet biex jgħin lil Eo. Ħadd ma ċempel għall-ambulanza. L-imputat kien qed isofri minn xokk kbir minħabba li qatt ma kien ra demm ħiereġ minn ġo bniedem qabel.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

29. Mill-atti jirriżulta li tal-anqas żewġ persuni raw lill-imputat jagħti lill-vittma kemm bil-id kif ukoll bis-sieq. Il-paragrafi 14 u 15 tas-sentenza huma sinteżi ta' dak li qalu li raw Laura Kristiensen u Patrick Alexander Butterworth. Barra dan l-imputat innifsu ma nnegax li hu ta' bil-ħarta fuq wiċċ il-vittma. Barra minn hekk, forensikament kien ippruvat li l-ġrieħi li kellu l-vittma kienu kompatibbli ma' daqqiet u mhux ma' xi waqgħa. [3]Mela m'hemmx dubju li kien l-imputat li kkawża l-ġrieħi li sofra l-vittma.

30. Il-ġrieħi li sofra l-imputat jitqiesu legalment bħala offiżi gravi. Dan qed jingħad għaleix kien hemm ksur fl-imnieħer tal-vittma. Dan hija offiża gravi għaliex hija sfreġju fil-wiċċ ai termini tal-artikolu 216(1)(b) tal-Kap 9. Li ma kienx ippruvat huwa jekk dan l-isfreġju kienx permanenti jew le ai termini tal-artikolu 218. Dwar dan, ma kien hemm ebda opinjoni medika jew forensika. Ta' min iżid li l-Qorti ma ratx l-allegat vittma f'distanza normali wara l-ewwel dehra tiegħu sabeix tkun tista' tikkonstata jekk id-difett baqax jidher jew le.

[3] Ara paragrafu 17 tas-sentenza.

31. Jirriżulta wkoll li l-vittma kellu xi abrażjonijiet fuq għajnejh, tbenġil u nefħa madwar għajnejh u tbenġil fil-minkeb. Għalhekk il-vittma sofra wkoll ħfief.

32. Ir-raġuni li ngħatat għal saru dawn l-offiżi kienet prinċipalment li l-vittma kien xurban u ried jaqbeż mill-gallerija. Minn dan kollu l-Qorti temmen biss li l-vittma kien xurban. Dan lanqas jaf x'kien ġralu u telgħu diversi xhieda jikkonfermaw li l-vittma kien iħobb jixrob tant li saħansitra kien ifalli l-lezzjonijiet l-iskola. Jirriżulta wkoll li fil-jum in kwistjoni l-vittma kien ilu jixrob sew.

33. Min-naħa l-oħra l-Qorti ma temminx il-verżjoni li l-vittma kien ser jaqbeż mill-gallerija u li sofra dak li sofra għaliex l-imputat ma riedx li l-vittma jaqbeż għal isfel. Bir-rispett kollu mix-xhieda jirriżulta li waqt li bejn l-imputat u l-vittma ma kienx hemm xi animożita', min-naħa l-oħra l-vittma ma kienx xi bniedem popolari għaliex ħadd ma ried joqgħod miegħu. Prattikament, sid l-appartamenti nqabad b'nuqqas ta' akkommodazzjoni u poġġa lill-vittma mal-imputat sabiex forsi jsolvi l-problema.

34. Żgur li l-imputat ma kienx għal qalbu f'dak il-jum meta l-vittma kien f'dak l-istat. Il-Qorti mhix konvinta mill-iskuża li qed tinġieb mid-difiża li l-imputat ġab ruħu kif ġab minħabba li ma riedx iħalli lill-vittma jaqbeż. Ma jagħmel ebda sens li wara li l-vittma kien deher 'helpless', kif iddeskrivewh min rah, u waqa', l-imputat ikompli jagħtih bis-sieq. Lil min qed jgħid li ser jaqbeż ma ttihx bis-sieq, *multo magis,* meta kien jkun f' dak l-istat.

35. Il-Qorti wkoll mhix konvinta mir-raġuni mogħtija għat-tindif tad-demm. Intqal li hija użanza Koreana li l-ewwel tanddaf il-post biex ma tħallix ħmieġ. Il-Qorti mhix dieħla fl-użanzi Koreani tat-tindif. Fil-fehma tal-Qorti, sar tentattiv biex jitneħħew it-traċċi ta' reat u xejn aktar. Effettivament, in-nuqqas ta'informazzjoni eżatta ta' x'ġara deher mill-bidu mill-verżjonijiet li bdew jingħataw lill-Pulizija li waslu fuq il-post. (Ara paragrafu 11 u x-xhieda tal-ispettur a fol 104 fejn intqal li l-vittma beda jħabbat rasu mal-art.) Konsegwentement ir-raġuni mogħtija dwar it-tindif lill-Qorti ma tikkonvinċiha xejn.

36. Il-Liġi Maltija ma tikkontempla ebda ġustifikazzjoni jew skużanti li hija bbażata sempliċiment fuq intolleranza għaliex min qiegħed miegħek huwa xurban jew dejjem ikun xurban.  Għalhekk m’hemmx attenwanti għall-aġir tal-imputat.

## Konklużjoni

37. Il-Qorti, wara li rat l-artikoli mibgħutin mill-Avukat Ġenerali [4], jiġifieri l-artikoli 214, 215, 218 tal-Kap 9, l-artikoli 214, 215, 216 u 221 tal-Kap 9, u l-artikoli 17, 31 u 533 tal-Kap 9, li huma differenti minn dawk mogħtija mill-Prosekuzzjoni fl-imputazzjoni, ma ssibx lill-imputat ħati tal-imputazzjoni kif dedotta kontrih iżda minflok issib lill-imputat ħati ai termini tal-artikolu 214, 215, 216(1)(b) u 221(1) (iżda mhux tar-reat kontemplat taħt l-artikolu 218), jiġifieri ħati li mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta’ ħadd ieħor f’perikolu ċar, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta’ persuna oħra, liema reat huwa kompriż u involut fl-imputazzjoni dedotta kontra l-imputat.

38. Dwar il-piena, il-Qorti qed tieħu in konsiderazzjoni li l-fedina penali tal-imputat hija nadifa kif ukoll li mix-xhieda jirriżulta li dan kien student eżemplari.  Il-Qorti, wara li rat l-artikolu 28A tal-Kap 9 qed tikkundanna lill-imputat għal tmien  xhur priġunerija li għandhom jibqgħu sospiżi sakemm ma jwettaqx xi reat ieħor fi żmien tmintax-il xahar mil-lum.

---

[4] Fol 208 29 ta’ Diċembru 2008

39. Ai fini tal-artikolu 533 tal-Kap 9, il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat iħallas l-ispejjeż kollha li għandhom x'jaqsmu mal-esperti maħtura matul l-inkjesta li saret wara s-16 ta' Jannar 2006. Dawn jammontaw għal €2028.91 jew kull somma verjuri oħra li jiffissa r-Reġistratur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------